# Beati u Qaddisin....Ottubru

## San Frangisk minn Assisi  4 ta' Ottubru

San Frangisk minn Assisi, iben merchant. Twieled gewwa stalla fis-sena 1182. bit-twelid tieghu ihabbar li hu kien ser ikun predikatur tal-faqar. Bhala zaghzugh kien ferriehi u jaf imur ma kulhadd; kien ihobb l-ilbies sabih u l-kumpanija.

Il-hajja militari tieghu spiccat meta Gesu' habbarlu li il-glieda tieghu ma kienitx ta' din id-dinja izda kontra x-xitan u l-opri hziena tieghu. Huwa rritorna lura d-dar u beda jaghtiha ghall-faqar u l-umilta'. Huwa abbanduna il-gid tad-dinja u l-unuri li bihom kien imdawwar biex ihaddan it-triq tas-salib. Jum wiehed wqt li kien ghaddej biz-ziemel iltaqa'ma' lebbruz li l-prezena tieghu hassaha tqazzu u ipprova jitbieghed minnu. Imma ftit mumenti wara ddispjacih u rega' lura, haddnu mieghu u tah karita'. Huwa kompla trieqtu imma fettillu jhares lura biex jara lil dak il-batut izda ma seta jilmhu mkien, ghalkemm il-pjanura kienet wahda miftuha.



Mill-gid li kien jidisponi, huwa kien iqassmu lill- fqir u lill- batut. Jum wiehed waqt li kien qed jitlob huwa sema lill-Mulej ikellmu u jghidlu biex "isewwilu l-dar tieghu li kienet qed taqa' f'rovina." Huwa fehem li kien qed jghidlu ghall-knisja ta' San Damjan.

Frangisku iritira gewwa grotta u libes lbies ta' fqir. In-nies bdew jahsbuh li kien tilef sensih.

Huwa halla u irrinunzja ghall-gidu u beda jevangelizza lil ta' madwaru. Ma damx wisq li tnejn minn nies ohra ma ghamlulux kumpanija. It-tliet flimkien addottaw il-faqar li kien il-pedament ta' l-ordni frangiskani li aktar tard Frangisku kellu jwaqqaf.

Ghalkemm il-Papa ma tahx widen meta Frangisk kien qed izur Ruma ma' tnax-il dixxiplu ohra, gharfu wara bhala il-bniedem mibghut minn Alla biex jevangelizza lid-dinja u fis-sena 1215 kienet imwaqqfa bhala ordni religjuza li xterdet b'mod rapidu fid-dinja nisranija.

Baghat lid-dixxipli tieghu jippridkaw lil Kristu ma' l-Ewropa kollha. Sas-sena 1219 l-ordni kienet diga daret id-dinja thabbar lil Kristu salvatur. Huwa ircieva l-pjagi ta' Kristu meta kien f'wiehed mill-iritiri tieghu fuq il-muntanja Alverno. Fl-4 ta' Ottubru 1226, huwa miet fl-eta ta' 44 sena bl-ghajta fuq xuftejh, "Nilqghek, ohti l-Mewt."